**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, tnejn (2) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 54/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Emanuel Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Emanuel Agius**, detentur tal-karta tal-identita numru 15792(G) talli nhar l-għaxra (10) ta' Lulju 2023 għall-ħabta tan-nofsinhar u għoxrin (12:20hrs) ġewwa l-Pjazza tal-Munxar, Għawdex:

(1) meta kien fi dmir li jieħu ħsieb ta’ tfal jew ta’ persuni oħra li ma jkunux kapaċi li jieħdu ħsieb tagħhom infushom, naqas li jieħu ħsieb kif jeħtieġ ta’ dawk it-tfal jew persuni oħra;[1]

(2) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b’mod ieħor lil Jessica Bajada.[2]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta ta’ Jessica Bajada skont l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tat-tnejn (2) ta’ Lulju 2024 l-akkużat mingħajr l-ebda ammissjoni ta’ ħtija obbliga ruħu li bl-ebda mod u manjiera ma jdejjaq jew jimmollesta lill-parte civile kif wkoll obbliga ruħu li josserva l-ordni mogħtija mill-Qorti tal-Familja fl-atti tal-ittra numru 60/2021 fl-ismijiet *Jessica Bajada vs Emanuel Agius* datata erbgħa (4) ta’ Novembru. 2021;

Semgħet lill-parte civile Jessica Bajada li kienet legalment assistita tiddikjara li hija sodisfatta bil-kontenut ta’ dan il-verbal;

Semgħet lill-parte civile Jessica Bajada tiddikjara bil-ġurament li hija ma xtaqitx tixhed f’dawn il-proċeduri biex ma tinkriminax lilha inniffisha in

[1] Artikolu 339(1)(j) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9

vista li b'rabta mal-istess allegat inċident hija kellha wkoll proċeduri kriminali fil-konfront tagħha;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ kienu s-segwenti: nhar l-għaxra (10) ta' Lulju 2023 Jessica Bajada irrappurtat fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex li f'nofsinhar u ħamsa (12:05hrs) Emanuel Agius kellu l-aċċess ta' binthom ta' tlett (3) snin. Huwa mar ġabar lit-tifla u imbagħad mexa għal Triq Profs Ġużè Aquilina, fil-Munxar. Sadanittant hija telqet bil-karozza tagħmel xi qadi. Hija kien għad fadlilha tagħmel xi qadi fil-Pjazza tal-Munxar. Hekk kif waslet fil-Pjazza tal-Munxar hija rat lit-tifla tagħha bil-qiegħda fuq għatba weħidha u Emanuel Agius ma kienx mat-tifla. Fl-istess ħin rat lil Emanuel Agius sejjer jiġri għall-vettura tiegħu. Bajada kompliet tgħid li hija ħarġet mill-vettura tagħha biex tara għalfejn it-tifla kienet weħidha. Agius ra lil Bajada ħierġa mill-vettura u ġera lura lejn it-tifla u refagħha. Bajada qalet lil Agius li kien ħalla t-tifla weħidha u hu wieġeb lura li t-tifla ma kinitx weħidha u li hija kienet miġnuna. Bajada żiedet tgħid li aktar tard rat lil Agius bit-trakk tax-xogħol u t-tifla baxxuta fuq quddiem. Dan meta l-Qorti tal-familja kienet għamlitha ċara li l-missier ma setax jiġbor lill-minuri bit-trakk tax-xogħol. Bajada insistiet li jittieħdu passi kriminali fil-konfront ta' Emanuel Agius.

Agius ġie imsejjaħ biex imur l-Għassa tal-Pulizija biex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-akkadut. Huwa irrifjuta li jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja

tiegħu. Agius stqarr mal-Pulizija li dakinhar tal-għaxra (10) ta' Lulju 2023 huwa kellu l-aċċess għall-bintu. Huwa mar jiġborha bil-mixi minn quddiem id-dar tal-Munxar u mexa fid-direzzjoni tal-Pjazza. Jessica marret warajhom bil-vettura. Sadanittant huwa kien qed jistenna persuna biex ikellimha fil-Pjazza. Peress li kienet ix-xemx kien hemm għatba ta' bieb ġod-dell u t-tifla poġġieha bil-qiegħda hemm minħabba x-xemx u mexa erba' passi 'l isfel biex jara jekk jarax il-persuna li kellu jiltaqa' magħha. Sostna li jekk it-tifla kienet se tgħajjatlu kien se jismagħha minn fejn kien u li ma kienx hemm perikolu ta' karozzi.

Agius kompla jgħid li ftit tal-ħin wara reġa' lemaħ lil Jessica Bajada. Din baqgħet ġejja għal fejn kien hemm it-tifla. Huwa avviċina lit-tifla u din Bajada bdiet tgħajjat f'wiċċu li huwa kien ħalla t-tifla weħidha. Huwa qabad lit-tifla u kompla miexi. Huwa ċaħad li insulenta lil Bajada. Agius temm jgħid li kull meta kien qed ikollu l-aċċess għat-tifla, Bajada kienet qiegħda toqgħod issegwi l-passi tiegħu u tintimidah. Agius talab lill-Pulizija sabiex jieħdu passi kriminali dwar dan l-atteġġjament ta' Bajada.

Jessica Bajada ġiet imsejħa l-Għassa tal-Pulizija biex tagħti l-verżjoni tagħha fuq dak li irrapporta Emanuel Agius. Hija ġiet mogħtija d-drittijiet legali tagħha u wara li ikkonsultat mal-Avukat tal-fiduċja tagħha ċaħdet li hija kienet intimidat lil Agius. Qalet li kienet ħadet filmat ta' Agius itella' t-tifla ġol-vann tax-xogħol min-naħa tax-xufier u dan biex ikollha evidenza ta' negliġenza fuq it-tifla u tkun tista' turieh il-Qorti. Dan għaliex hija kellha ordni mingħand il-Maġistrat li tippresjedi l-Qorti

tal-Familja li jekk Agius kien se jmur jiġbor it-tifla bil-vann tax-xogħol hija kellha d-dritt li ma tagħtihx it-tifla.  Hija kompliet tisħaq li qatt ma avviċinatu jew kellmitu u ta' dan kellha wkoll il-provi.

Emanuel Agius u Jessica Bajada ġew infurmati li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi kontra tagħhom.

Ikkunsidrat;

Għar-rigward l-akkużi miġjuba kontra l-akkużat, il-Qorti tinnota li l-unika prova li inġabet f'dawn il-proċeduri kien biss l-affidavit ta' PS 1462 Joseph Attard u okkorrenza.  Fl-affidavit hemm biss rappurtat dak li l-parte civile Jessica Bajada qalet lill-Pulizija.  Dan jammonta biss għal *detto del detto* u għalhekk mhux ammissibbli bħala prova.  Il-parte civile min-naħa tagħha għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri biex ma tinkriminax lilha inniffisha fi proċeduri oħra li hemm pendenti kontra tagħha b'rabta mal-istess allegat inċident.  Għalhekk in vista li ma inġabux il-provi neċessarji biex isostnu l-akkużi, il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Konsegwentement il-Qorti sejra tillibera lill-akkużat mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu peress li dawn ma rriżultawx.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi li ġew dedotti fil-konfront tiegħu u għalhekk qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur